

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 —  
LG Electronics vs UASI**

**(Kawża C-88/11 P)**

“Appell — Trade mark Komunitarja — Sinjal verbali ‘KOMPRESSOR PLUS’ — Rifjut ta’ reġistrazzjoni — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 7(1)(c) — Karatru deskrittiv — Eżami ta’ prova ġdida mill-Qorti Ġeneral — Żnaturament tal-fatti u tal-provi”

1. *Trade mark Komunitarja — Dispożizzjonijiet proċedurali — Eżami ex officio tal-fatti — Portata — Obbligu li tiġi stabilita l-eżattezza tal-fatti magħrufa — Assenza — Kontestazzjoni quddiem il-Qorti Ġeneral — Produzzjoni ta’ dokumenti sabiex tiġi sostnuta l-eżattezza ta’fatt magħruf (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 74(1)) (ara l-punti 26-30)*
  
2. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlieffil-każ ta’ żnaturament (Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punti 36, 37)*

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla), tas-16 ta’ Diċembru 2010 — LG Electronics vs UASI (T-497/09) li tīchad l-appell ippreżentat mir-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta’ Settembru 2009 (Każ R 397/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali KOMPRESSOR PLUS bħala trade mark Komunitarja — Karatru deskrittiv tat-trade mark — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta’ Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1) — Eżami ta’ fatti ġodda mill-Qorti Ġeneral — Żnaturament tal-provi.

## Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) LG Electronics Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

### Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2011 — Nencini vs Il-Parlament

(Kawża C-530/10 P(R))

“Appell — Proċeduri għal mīzuri provviżorji — Membru tal-Parlament Ewropew — Irkupru ta’ allowances imħallsa bħala rimbors tal-ispejjeż ta’ assistenza parlamentari u tal-ivvjaġġar — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”

1. *Proċeduri għal mīzuri provviżorji — Appell — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba dwar atti redatti f'lingwa oħra li ma hijiex dik tad-destinatarju — Sostituzzjoni ta’ atti kontenzjużi b'atti essenzjalment identiċi dwar il-mertu, iżda redatti f'lingwa oħra — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Assenza (Artikolu 278 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 83) (ara l-punti 16-19)*
2. *Proċeduri għal mīzuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Rikors — Rekwiżiti proċedurali — Espożizzjoni tal-motivi li jiġġustifikaw, prima facie, l-għoti tal-mīzuri mitluba — Preżentata ta’ noti komplementari bl-għan li jiġu rrimedjati nuqqasijiet — Inkompatibbiltà mal-proċeduri għal mīzuri provviżorji (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 28-31, 37)*